# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 15 ta' Lulju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 11/2023 CL

**GO plc** (C22334)

**VERSUS**

**Turki Ali** (KI nru: 161015A)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Jannar, 2023, fejn is-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jordna u jikkundana lill-konvenut jhallas is-somma ta' elfejn u tnejn u erbghin euro u sbatax-il centezmi (€2,042.17) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizzi bil-kont numru 4105010 fuq talba u a beneficcju tal-konvenut, hekk kif jirrizulta mill-prospett annessa. Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jhallas anke permezz tal ittra ufficjali 2155/21 huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk huwa msejjah ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes, drittijiet u l-imghax legali inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2155/21.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2024, it-Tribunal kien innota li l-konvenut kien notifikat, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2024, xehdet Maryanne Camilleri, Credit Controller ma' Go plc li ikkonfermat li kien fadal bilanc pendenti ta' €2042.17 stante li ma kien sar ebda hlas.

It-Tribunal gie infurmat illi s-socjeta attrici kienet qieghda taghlaq il-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 2024, minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Semghet lil Maria Camilleri, in raprezentanza tas-socjeta attrici, li permezz taghha ikkonfermat li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici – u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn u tnejn u erbghin euro u sbatax-il centezmi (€2,042.17) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-ittra uffficjali 166A sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 2155/21 huma kollha a kariku tal- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)